

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Lulju 2007 —
FG Marine vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-360/04) ⁽¹⁾

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Deċiżjoni li tordna l-irkupru ta' għajjnuna mill- Istat mogħtija minn Franza lill-kumpannija Stardust Marine — Annullament tad-deċiżjoni permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja”)

(2007/C 211/63)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: FG Marine SA (Roissy Charles de Gaulle, Franza) (rappreżentant: M.-A. Michel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u C. Giolito, aġenti)

Suġġett

Talba għal kumpens tad-dannu allegatament ikkawżat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/513/KE tat-8 ta' Settembru 1999, dwar l-għajjnuna mogħtija minn Franza lill-impriża Stardust Marine.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala mhux fondat.
- 2) Ir-rikorrenti hija ordnata tbat i-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 262, 23.10.2004.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Ġunju 2007 — V vs Il-Parlament

(Kawża T-345/05 R II)

(“Proċedura sommarja — Tneħħija ta' l-immunità ta' membru tal-Parlament Ewropew — Talba għal sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Urġenza”)

(2007/C 211/64)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: V (rappreżentanti: J. Lofthouse, E. Hayes, barristers, u M. Monan, solicitor)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: H. Krück, D. Moore u M. Windisch, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba intiża għall-eżami mill-ġdid ta' l-ewwel talba tagħha għal proċedura sommarja, miċħuda permezz tad-digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Marzu 2007, V vs Il-Parlament, T-345/05 R, għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra.

Dispożittiv tad-Digriet

- 1) It-talba għal proċedura sommarja hija miċħuda
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Ġunju 2007 —
Drax Power et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-130/06) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Proposta għal emenda tal-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti — Rifjut tal-Kummissjoni — Inammissibbiltà”)

(2007/C 211/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Drax Power Ltd (Selby, ir-Renju Unit); Great Yarmouth Power Ltd (Swindon, ir-Renju Unit); International Power plc (Londra, ir-Renju Unit); Npower Cogen Ltd (Swindon); RWE Npower plc (Swindon); ScottishPower Generation Ltd (Glasgow, ir-Renju Unit); u Scottish and Southern Energy plc (Perth, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: I. Glick, QC, u M. Cook, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u X. Lewis, aġenti)